MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1457/2004

**G. Molton Co. Limited**

**vs**

**TBS Services Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta' Lulju, 2004 fejn gie mitlub li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u hmistax-il lira u tlettax centezmi (Lm715.13,0), liema somma hija dovuta fuq bejgh ta' mnerkanzija u dan (a) kwantu ghal Lm46.57,0 bhala bilanc minn somma akbar fuq fattura numru 021665 datata 24 ta' Settembru 2003, (b) kwantu ghal Lm67.19,0 skond fattura numru 021666 datata wkoll 24 ta' Settembru, 2003, (c) kwantu ghal Lm55.55,0 skond fattura numru 021667 datata wkoll

24 ta' Settembru, 2003, (d) kwantu ghal Lm10.87,0 skond fattura numru 021668 datata wkoll 24 ta' Settembru, 2003, (e) kwantu ghal Lm49.06,0 skond fattura numru 021681 datata 25 ta' Settembru, 2003, (f) kwantu ghal Lm10.10,0 skond fattura numru 021753 datata 30 ta' Settembru, 2003, (g) kwantu ghal Lm7.25,0 skond fattura numru 021754 datata wkoll 30 ta' Settembru, 2003, (h) kwantu ghal Lm272.69,0 skond fattura numru 022582 datata 26 ta' Novembru, 2003, (i) kwantu ghal Lm66.09,0 skond fattura numru 022583 datata wkoll 26 ta' Novembru, 2003, (j) kwantu ghal Lm49.44,0 skond fattura numru 022584 datata wkoll 26 ta' Novembru, 2003, (k) kwantu ghal Lm16.56,0 skond fattura numru 022597 datata 27 ta' Novembru, 2003, (l) kwantu ghal Lm47.14,0 skond fattura numru 022626 datata 28 ta' Novembru, 2003, (m) kwantu ghal Lm13.80,0 skond fattura numru 022677 datata 3 ta' Dicembru, 2003, u (n) kwantu ghal Lm2.82,0 skond fattura numru 023170 datata 20 ta' Jannar, 2004, dan kollu skond kif indikat fuq prospett anness ma' l-Avviz u mmarkat bhala ittra 'A'.

Bl-ispejjez ta' l-Avviz u tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz, kif ukoll bl-imghaxijiet mid-dati ta' hrug tal-fatturi rispettivi sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra s-socjeta` konvenuta.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta` konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba' mija u hmistax-il lira Maltija u tlettax-il centezmu, bl-

imghax pagabbli mid-dati ta’ hrug tal-fatturi rispettivi sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------